

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

FTEHIM MONETARJU
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalitá ta' Monako
(2012/C 310/01)
 (ĠU C 310, 13.10.2012, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/C 211/04 tat-2 ta' Lulju 2014	C 211	3	5.7.2014
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/766 tat-12 ta' Mejju 2015	L 120	50	13.5.2015
► <u>M3</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2363 tas-16 ta' Diċembru 2015	L 331	37	17.12.2015
► <u>M4</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/494 tat-22 ta' Marzu 2018	L 81	65	23.3.2018
► <u>M5</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/512 tas-26 ta' Marzu 2019	L 85	31	27.3.2019
► <u>M6</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/26 tat-13 ta' Jannar 2020	L 8	32	14.1.2020
► <u>M7</u>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/144 tal-5 ta' Frar 2021	L 43	25	8.2.2021



FTEHIM MONETARJU

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalit  ta' Monako

(2012/C 310/01)

L-UNJONI EWROPEA, irrappreżentata mir-Repubblika Franċiża u mill-Kummissjoni Ewropea,

u

L-PRINĊIPALIT  TA' MONAKO,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro ħadet post il-munita ta' kull Stat Membru li pparteċipa fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, fost dawn Franza, f'konformit  mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998.
- (2) Qabel il-ħolqien tal-euro, Franza u l-Prinċipalit  ta' Monako kienu dig  marbuta flimkien permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar il-qasam monetarju u bankarju, b'mod partikolari permezz tal-Konvenzjoni Franko-Monegaska dwar il-kontroll tal-kambju tal-14 ta' April 1945 u bil-Ftehim tal-Viċinat tat-18 ta' Mejju 1963.
- (3) Il-Prinċipalit  ta' Monako ġiet awtorizzata tuża l-euro bħala munita uffiċjali mill-1 ta' Jannar 1999 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Diċembru 1998 ⁽¹⁾.
- (4) L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mir-Repubblika Franċiża flimkien mal-Kummissjoni u l-B E, fl-24 ta' Diċembru 2001 ikkonkludiet Ftehim Monetarju mal-Prinċipalit  ta' Monako. Il-Ftehim tal-Viċinat bejn ir-Repubblika Franċiża u l-Prinċipalit  ta' Monako ġie aġġornat b'konsewgenza ta' dan.
- (5) Skont dan il-Ftehim Monetarju, il-Prinċipalit  ta' Monako hija intitolata li tkompli tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha u li tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro. Ir-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness għal dan il-Ftehim japplikaw fuq it-territorju tagħha skont il-kundizzjonijiet previsti minn dan il-Ftehim.
- (6) Il-Prinċipalit  ta' Monako għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-muniti u l-karti denominati f'euro jkunu applikabbli fit-territorju tagħha; dawn il-muniti u l-karti għandhom ikunu soġġetti għal protezzjoni xierqa kontra l-iffalsifikar; huwa importanti li l-Prinċipalit  ta' Monako tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra l-iffalsifikar u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-B E, ma' Franza u mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) f'dan il-qasam.
- (7) Dan il-Ftehim Monetarju ma jagħti l-ebda dritt lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk ikun il-każ, lill-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fuq it-territorju tal-Prinċipalit  ta' Monako f'dak li għandu x'jaqşam mal-libert  ta' stabbiliment u l-libert  ta' provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea. Dan ma jagħti l-ebda dritt lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk ikun il-każ, lill-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fuq it-territorju tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqşam mal-libert  ta' stabbiliment u l-libert  ta' provvista ta' servizzi fil-Prinċipalit  ta' Monako.

⁽¹⁾  U L 30, 4.2.1999, p. 31.

▼B

- (8) Dan il-Ftehim Monetarju ma jimponi ebda obbligu fuq il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu l-istrumenti finanzjarji tal-Prinċipalità ta' Monako fil-lista/i ta' titoli eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.
- (9) Il-Prinċipalità ta' Monako fuq it-territorju tagħha tagħmel użu minn kumpaniji ta' ġestjoni li jwettqu l-attivitajiet ta' ġestjoni għal terzi jew għal trażmissjoni ta' ordnijiet li s-servizzi tagħhom ikunu rregolati biss bil-liġi ta' Monako, bla ħsara għall-obbligi msemmija fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 11. Dawn il-kumpaniji ma jistax ikollhom aċċess għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli.
- (10) Fil-kontinwità tar-rabtiet storiċi li jeżistu bejn Franza u l-Prinċipalità ta' Monako u tal-prinċipji stabbiliti mill-Ftehim Monetarju tal-24 ta' Diċembru 2001, l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako impenjaw ruħhom biex b'rieda tajba jikkooperaw sabiex jiżguraw l-effett utli ta' dan il-Ftehim fl-intier tiegħu.
- (11) Ġie stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipalità ta' Monako, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, biex jiddeċiedi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-limitu annwali għall-ħruġ tal-muniti, biex jistudja jekk huwiex biżżejjed il-proporzjon minimu ta' muniti li jkunu se jinħarġu b'valur nominali u biex jevalwa l-miżuri li jkunu ttehdhu mill-Prinċipalità ta' Monako biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea.
- (12) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun il-korp inkarigat mis-soluzzjoni tat-tilwim li jirriżulta min-nuqqas ta' twestiq ta' obbligu jew minn nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim u li fir-rigward tagħhom jinstab li l-partijiet ma setgħux jilhqqu ftehim minn qabel,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tkun intitolata li tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha f'konformità mar-regolamenti (KE) Nru 1103/97 u (KE) Nru 974/98 kif emendati. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro.

Artikolu 2

Il-Prinċipalità ta' Monako ma għandhiex toħroġ karti, jew muniti, sakemm il-kundizzjonijiet għal dan il-ħruġ ma jkunux miftiehma mal-Unjoni Ewropea. Il-kundizzjonijiet biex jinħarġu muniti tal-euro mill-1 ta' Jannar 2011 huma stipulati fl-Artikoli li ġejjin.

Artikolu 3

1. Il-limitu annwali, f'terminu ta' valur, għall-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-Prinċipalità ta' Monako jinkludi:

▼B

parti fissa, li l-ammont inizjali tagħha għall-2011 huwa stipulat għal EUR 2 340 000.

parti varjabbli, li tikkorrispondi, f'termini ta' valur, mal-ħruġ medju ta' muniti per capita tar-Repubblika Franċiża matul is-sena n-1 immultiplikata bl-għadd ta' abitanti tal-Prinċipalità ta' Monako.

Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-parti fissa kull sena sabiex iqis kemm l-inflazzjoni – fuq il-bażi tal-Indiċi Armonizzata tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Franza matul is-sena n-1 – kif ukoll l-iżviluppi sinifikanti potenzjali li jaffettwaw is-suq tal-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako tista' wkoll toħroġ munita speċjali kommemorattiva u/jew muniti għall-kollezzjonisti fl-okkażjoni tal-avvenimenti importanti għall-Prinċipalità. Fil-każ li din il-ħarġa speċjali ttella' l-ħruġ ġenerali 'l fuq mil-limitu stipulat fil-paragrafu 1, il-valur ta' din il-ħarġa jitqies għall-użu tal-parti li jkun fadal mil-limitu tas-sena ta' qabel u/jew jitnaqqas mil-limitu tas-sena li tkun ġejja.

Artikolu 4

1. Il-muniti tal-euro maħruġa mill-Prinċipalità ta' Monako huma identiċi għal dawk li jinħarġu mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw l-euro f'dak li jikkonċerna l-valur nominali, l-istatus ta' valuta legali, il-karatteristiċi tekniċi, il-karatteristiċi artistiċi tan-naħa komuni u l-karatteristiċi artistiċi komuni tan-naħa nazzjonali.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tikkomunika minn qabel l-abbozzi tan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro tagħha lill-Kummissjoni, li għandha tivverifika l-konformità tagħhom mar-regoli tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Franza għandha tqiegħed *l'Hôtel de la monnaie de Paris* għad-dispożizzjoni tal-Prinċipalità ta' Monako biex jiġu stampati l-muniti tagħha, f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim tar-Relazzjoni tal-Bon Viċinat bejn Franza u l-Prinċipalità ta' Monako tat-18 ta' Mejju 1963.

Artikolu 6

1. F'konformità mal-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-volum tal-muniti tal-euro maħruġin mill-Prinċipalità ta' Monako għandu jiżdied mal-volum tal-muniti maħruġin minn Franza għall-għan tal-approvazzjoni tal-volum totali tal-ħruġ ta' Franza mill-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tavża lir-Repubblika ta' Franza, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, dwar il-volum u l-valur nominali tal-muniti tal-euro li tkun biħsiebha toħroġ matul is-sena li tkun ġejja. Għandha tavża wkoll lill-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' ħruġ ippjanati għall-muniti tagħha.

3. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena 2011 meta tiffirma dan il-Ftehim.

▼B

4. Bla ħsara għall-ħruġ ta' muniti għall-kollezzjonisti, il-Prinċipalità ta' Monako għandha toħroġ fiċ-ċirkolazzjoni b'valur nominali mill-inqas 80 % tal-muniti tal-euro li toħroġ kull sena. Kull ħames snin il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina jekk il-proporzjon minimu ta' muniti li għandhom jiġu introdotti b'valur nominali huwiex adegwat u jista' jiddeċiedi li jibdlu.

Artikolu 7

1. Il-Prinċipalità ta' Monako tista' toħroġ muniti tal-euro għall-kollezzjonisti. Dawn għandhom ikunu inklużi mal-limitu annwali stipulat fl-Artikolu 3. Il-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-kollezzjonisti mill-Prinċipalità ta' Monako għandu jsir skont il-linji gwida tal-UE dwar il-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti, li jipprovdu fost oħrajn li l-karatteristiċi tekniċi u artistiċi u denominazzjonijiet tal-muniti tal-euro maħruġin għall-kollezzjoni għandhom ikunu jippermettu li ssir distinzjoni bejniethom u l-muniti tal-euro li jkunu maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni.

2. Il-muniti tal-kollezzjonisti maħruġin mill-Prinċipalità ta' Monako mhumiex se jkollhom valuta legali fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra l-iffalsifikar u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-BĊE, ma' Franza u mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) f'dan il-qasam.

Artikolu 9

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha timpenja ruħha sabiex:

- (a) Tapplika l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness A u li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11.2 u li huma applikati direttament minn Franza jew id-dispożizzjonijiet meħuda minn Franza biex tittrasponi dawn l-atti legali u r-regoli skont it-termini tal-Artikoli 11.2 u 11.3.
- (b) Tadotta miżuri ekwivalenti għall-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness B, li huma applikati direttament mill-Istati Membri jew li dawn jittrasponu, skont it-termini tal-Artikoli 11.4 11.5 u 11.6, fl-oqsma li ġejjin:
 - il-liġi bankarja u finanzjarja kif ukoll prevenzjoni tal-ħasil tal-flus fl-oqsma u skont it-termini previsti fl-Artikolu 11;
 - il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar tal-mezzi ta' ħlas bi flus kontanti u b'mezzi oħrajn, midalji u tokens.
- (c) Tapplika direttament fuq it-territorju tagħha l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kif ukoll il-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika adottati skont l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni speċjali oħra prevista f'dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandha żżomm lill-awtoritajiet ta' Monako infurmati dwar il-lista ta' atti u regoli kkonċernati.



Artikolu 10

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu awtorizzati biex jaħdmu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako jistgħu, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11, jipparteċipaw fis-sistemi ta' sald interbankarji u ta' saldu tat-titoli u l-pagamenti tal-Unjoni Ewropea skont l-istess termini bħall-istabbilimenti ta' kreditu u, fejn ikun xieraq, l-istabbilimenti finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu stabbiliti fi Franza u sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati għall-aċċess għal dawn is-sistemi.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huma soġġetti, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11, għall-istess miżuri adottati mill-Bank ta' Franza fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-BĊE dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Franza.

Artikolu 11

1. L-atti legali adottati mill-Kunsill skont l-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 5.4, jew 19.1, jew 34.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-Istatut), mill-BĊE skont l-atti legali msemmija qabel adottati mill-Kunsill jew l-Artikoli 5, 16, 18, 19, 20, 22 jew 34.3 tal-Istatut, jew mill-Bank ta' Franza għall-implimentazzjoni tal-atti legali adottati mill-BĊE, huma applikabbli fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako. Dan japplika wkoll għall-emendi possibbli ta' dawn l-atti.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tapplika d-dispożizzjonijiet adottati minn Franza biex tittrasponi l-atti tal-Unjoni dwar l-attività u l-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-prevenzjoni ta' riskji sistematiċi għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli li jinsabu fl-Anness A. Għal dan l-għan, il-Prinċipalità ta' Monako għandha tapplika, l-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju Franċiż dwar l-attività u l-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll ir-regolamenti adottati skont kif previst mill-Konvenzjoni Franko-Monegaska dwar il-kontroll tal-kambju tal-14 ta' April 1945 u permezz tal-iskambji ta' ittri ta' interpretazzjoni sussegwenti bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-gvern tal-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako tat-18 ta' Mejju 1963, tal-10 ta' Mejju 2001, tat-8 ta' Novembru 2005 u tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-regolamentazzjoni tal-bank, u t-tieni nett, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju Franċiż dwar il-prevenzjoni tar-riskji sistematiċi għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli.

3. Il-lista li tinsab fl-Anness A se tiġi emendata mill-Kummissjoni ma' kull emenda tat-testi kkonċernati u kull darba li jiġi adottat test ġdid mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-data tad-dħul fis-seħħ u tat-traspożizzjoni tat-testi. L-atti legali u r-regoli stabbiliti fl-Anness A huma applikati mill-Prinċipalità ta' Monako sa mill-inklużjoni tagħhom fil-liġi Franċiża f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Ma' kull emenda, il-lista aġġornata se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU).

▼B

4. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tadotta miżuri ekwivalenti għal dawk meħuda mill-Istati Membri skont l-atti tal-Unjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u li jinsabu fl-Anness B. Il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 13 għandu jeżamina l-ekwivalenza bejn il-miżuri meħuda minn Monako u dawk meħuda mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni imsemmija aktar 'il fuq skont proċedura li għandha tiġi stabbilita minn dan il-Kumitat.

5. Bla ħsara għall-proċedura prevista fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, il-lista li tinsab fl-Anness B se tiġi emendata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, waqt l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam kopert minn dan il-Ftehim li tqis li għandha tiġi inkluża fil-lista li tinsab fl-Anness B, għandha tinforma lill-Prinċipalità ta' Monako. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tirċievi kopji tad-dokumenti prodotti mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea fl-istadji differenti tal-proċedura leġiżlattiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-Anness B kif emendat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU).

Il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi wkoll dwar limiti ta' żmien xierqa u raġonevoli għall-implimentazzjoni mill-Prinċipalità ta' Monako ta' atti legali ġodda u regoli miżjuda fl-Anness B.

6. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tiegħu l-miżuri ekwivalenti għad-direttivi tal-Unjoni Ewropea li jinsabu fl-Anness B dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). L-inklużjoni fl-Anness B tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tiġi deċiża każ b'każ mill-Kumitat Konġunt. L-Unità tal-Intelligence Finanzjarja tal-Prinċipalità ta' Monako u dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkomplu b'mod attiv bil-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

7. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn, u l-aġenti ta' rappurtar l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huma soġġetti għal sanzjonijiet u proċeduri dixxiplinarji implimentati f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-atti legali msemmija fil-paragrafi preċedenti. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tiżgura l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

8. L-atti legali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jidħlu fis-seħħ fil-Prinċipalità ta' Monako fl-istess jum bħal fl-Unjoni Ewropea għal dawk li huma ppubblikati fil-ĠU, fl-istess jum bħal fi Franza għal dawk li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* (*Journal officiel de la République française - JORF*). L-atti legali ġenerali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu li ma jiġux ippubblikati fil-ĠU jew fil-JORF jidħlu fis-seħħ minn meta jintbagħtu lill-awtoritajiet ta' Monako. L-atti ta' natura individwali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu huma applikabbli sa minn meta ssir in-notifika tagħhom lir-riċevitur tagħhom.

▼B

9. Qabel l-għoti ta' ftehim lil intrapriżi tal-investment li jkunu jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako u li x'aktarx ikunu joffru servizzi ta' investment differenti mill-attivitajiet ta' ġestjoni għall-kont ta' terzi u ta' trażmissjoni ta' ordnijiet, u bla ħsara għall-obbligi msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Prinċipalità ta' Monako timpenja ruħha biex tieħu l-miżuri ta' effett ekwivalenti għal dawk tal-atti legali tal-Unjoni fis-seħħ li jirregolaw dawn is-servizzi. B'deroga mill-proċedura prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dawn l-atti b'hekk se jiġu inklużi fl-Anness B mill-Kummissjoni.

Artikolu 12

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-kompetenza esklużiva li ssolvi kull tilwima bejn il-partijiet li tista' tinqala' min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu jew min-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim u li ma tkunx setgħet tiġi solvuta fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz sabiex it-tilwima tiġi solvuta b'mod amikevoli fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

2. Jekk ma jkun jista' jsir l-ebda ftehim amikevoli f'dan il-qafas, l-Unjoni Ewropea, li taġixxi skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' Franza u l-BĊE għall-kwistjonijiet irregolati minnu, jew il-Prinċipalità ta' Monako, tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, wara l-eżami preċedenti mill-Kumitat Konġunt, ikun jidher li l-parti l-oħra ma tkunx wettqet obbligu jew ma tkunx osservat dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim. Is-sentenza tal-Qorti għandha torbot lill-partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perjodu ta' żmien stabbilit mill-Qorti fis-sentenza tagħha.

3. Fil-każ li l-Unjoni Ewropea jew il-Prinċipalità ta' Monako jonqsu milli jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza tul il-perjodu mogħti lilhom, il-Parti l-oħra tista' minnufih ittemm il-Ftehim.

4. Il-kwistjonijiet kollha dwar il-validità tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni Ewropea li jittieħdu skont dan il-Ftehim, jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, kull persuna fiżika jew kull persuna ġuridika domiċiljata fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako tista' tuża l-mezzi ta' rikors miftuħa għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu stabbiliti fi Franza kontra l-atti legali indirizzati lilhom, tkun xi tkun l-għamla jew in-natura tagħhom.

Artikolu 13

1. Il-Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipalità ta' Monako u tal-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqsa l-opinjoni u l-informazzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 6 u 11. Hu għandu jistudja l-miżuri meħudin mill-Prinċipalità ta' Monako u jagħmel ħiltu biex isolvi kull kunflitt potenzjali li jista' jinqala' minħabba l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija magħmula mir-Repubblika Franċiża, li tippresjedi, mill-Kummissjoni Ewropea, u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha permezz ta' kunsens.

▼ B

3. Id-delegazzjoni ta' Monako hija magħmula minn rappreżentanti maħtura mill-Ministru tal-Istat u ppreseduta mill-Kunsillier tal-Gvern għall-Finanzi u l-Ekonomija jew ir-rappreżentant tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, kif ukoll kull darba li wieħed mill-membri jqis dan bħala meħtieġ sabiex il-Kumitat ikun jista' jissodisfa l-missjonijiet li huwa inkarigat bihom minn dan il-Ftehim, b'mod partikolari skont l-iżviluppi leġiżlattivi fuq il-livell Ewropew, Franċiż u ta' Monako. Il-presidenza għandha tgħaddi minn sena għall-oħra bejn il-President u d-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-President u d-delegazzjoni ta' Monako. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'vot unanimu tal-partijiet.

5. Is-Segretarjat tal-Kumitat huwa magħmul minn żewġ persuni maħtura, wieħed mill-President tad-delegazzjoni ta' Monako u l-ieħor mill-President tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Is-Segretarjat ukoll jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat.

Artikolu 14

Dan il-Ftehim jista' jintemm minn kull waħda mill-partijiet permezz ta' notifika minn sena qabel.

Artikolu 15

Dan il-Ftehim huwa mħejji bil-Franċiż, u meta jkun meħtieġ, jista' jiġi tradott f'lingwi oħrajn tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-verżjoni Franċiża biss hija awtentika.

Artikolu 16

Dan il-Ftehim għandu jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 17

Il-Ftehim Monetarju tal-24 ta' Diċembru 2001 għandu jitħassar fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Ir-referenzi għall-Ftehim tal-24 ta' Diċembru 2001 huma inklużi bħala referenzi għal dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell id- fi 3 kopji oriġinali bil-lingwa Franċiża.

Għall-Unjoni Ewropea

Olli REHN

*Viċi President tal-Kummissjoni
Ewropea responsabbli għall-
Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

François BAROIN

*Ministru tal-Ekonomija,
Finanzi u Industrija
tar-Repubblika Franċiża*

Għall-Principaltà ta' Monako

Michel ROGER

Ministru tal-Istat

▼ M7

ANNEX A

	<i>Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-attività u għall-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-prevenzjoni tar-riskji sistemiċi għas-sistemi ta' pagament u s-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli</i>
1	<p>Għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu</p> <p>Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1)</p> <p>emendata bi:</p>
2	Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28)
3	Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċerti kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16)
4	Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1)
5	Id-Direttiva tal-Kunsill 89/117/KEE tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali (ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40)
6	<p>Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).</p> <p>emendata bi:</p>
7	Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37)

▼ M7

	<i>Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-attività u għall-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-prevenzjoni tar-riskji sistemiċi għas-sistemi ta' pagament u s-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli</i>
8	Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120)
9	Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1)
10	Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1)
11	Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investment u d-Direttiva 98/26/KE (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296) u, fejn applikabbli, il-miżuri relatati tal-livell 2
12	Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15) emendata bi:
13	Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)
14	Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43) emendata bi:
15	Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37)
16	Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)

▼ M7

	<i>Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-attività u għall-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-prevenzjoni tar-riskji sistemiċi għas-sistemi ta' pagament u s-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli</i>
